IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2020
COM(2020) 583 final

2020/0269 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè (ICO) b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè (ICA) tal-2007.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè tal-2007

Il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè tal-2007 (ICA, jew "il-Ftehim") għandu l-għan li jiżgura kooperazzjoni internazzjonali msaħħa b'rabta ma' kwistjonijiet internazzjonali tal-kafè u ma' modi kif titjieb l-ekonomija dinjija tal-kafè, biex jiġi ffaċilitat in-negozju bil-ġbir u l-għoti ta' informazzjoni dwar is-suq dinji tal-kafè u biex titħeġġeġ domanda akbar għall-kafè globalment. L-aħħar iżda mhux l-inqas, objettiv ewlieni tal-ftehim huwa li jħeġġeġ lill-membri jiżviluppaw settur sostenibbli tal-kafè f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-Ftehim ġie ffirmat fl-2007 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011 għal perjodu ta' għaxar snin (sal-1 ta' Frar 2021). Skont l-Artikolu 48, il-Ftehim jista' jiġi estiż għal massimu ta' tmien snin.

L-Unjoni Ewropea hija parti mill-Ftehim[1].

2.2. Il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

Skont l-Artikolu 9 tal-ICA, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè huwa l-korp responsabbli għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-ICA bħala l-ogħla awtorità tal-ICA. Il-Kunsill jikkonsisti mill-Membri kollha tal-organizzazzjoni (l-Artikolu 8 ICA). Skont l-Artikolu 48(3) ICA, il-Kunsill tal-ICO jista' jiddeċiedi li jestendi l-Ftehim lil hinn mid-data ta' skadenza tiegħu għal perjodu jew tnejn suċċessivi li ma jaqbżux it-tmien snin b'kollox. L-Artikolu 14 tal-ICA jistipula li d-deċiżjonijiet kollha tal-ICO, fil-prinċipju għandhom jittieħdu b'kunsens. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet għandhom jitqassmu b'vot ta' maġġoranza.

Skont l-Artikolu 12 tal-ICA, il-Membri tal-ICO għandhom b'kollox 2000 vot. Kull membru tal-ICO għandu ammont speċifiku ta' voti, li jiġi aġġustat annwalment mill-Kunsill wara kriterji definiti minn qabel fl-ICA. It-tqassim tal-voti jiddetermina wkoll il-kontribuzzjoni ta' Membru (l-Artikolu 20(2) ICA). Bħalissa, l-Unjoni hija l-akbar kontributur tal-ICO.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

Fl-2019, l-ICO stabbiliet Grupp ta' Ħidma dwar ir-reviżjoni tal-ICA.

Fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2020, matul il-126 sessjoni, il-Kunsill tal-ICO irrakkomanda biex tiġi estiża l-ICA lil'hinn mid-data ta' skadenza preżenti tagħha, Dan jippermetti għal reviżjoni aktar sostanzjali fil-futur.

Mis-7 sal-11 ta' Settembru 2020, matul il-127 sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICO għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-estensjoni tal-ICA tal-2007 ('l-att previst').

L-iskop tal-att previst huwa li japprova l-estensjoni tal-ICA tal-2007.

[1] 2008/579/EC: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè tal-2007 (ĠU L186 tal-15/07/2008, p.12).

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-artikolu 14(3) tal-Ftehim, li jipprevedi: "Membri huma impenjati li jaċċettaw bħala vinkolanti d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-iskop ta' din il-proposta huwa li jkun hemm awtorizzazzjoni mill-Kunsill lill-Kummissjoni biex tivvota, f'isem l-Unjoni, favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè.

L-estensjoni tal-ICA għal massimu ta' tmien snin se tagħti biżżejjed ħin lill-Membri tal-ICO biex jiddeterminaw jekk l-ICA teħtieġx li tgħaddi minn reviżjoni sostanzjali fil-futur li tiffoka fuq l-immodernizzar u s-simplifikazzjoni tal-Ftehim.

Bħalissa, il-parteċipazzjoni tal-UE fl-ICO hija benefika kemm għall-Unjoni kif ukoll għal Membri oħra tal-ICO u l-ICA tista' tiġi estiża kif inhi. L-estensjoni tal-ftehim lil hinn mill-2021 u l-ħidma fuq l-immodernizzar tal-Ftehim se jwasslu għal involviment mill-ġdid tal-Membri u għal diskussjoni dwar ir-rilevanza tal-ICO biex tilqa' sfidi preżenti. Ir-reviżjoni possibbli tal-ICA wara l-2021 potenzjalment iżżid il-valur miżjud tagħha u r-rilevanza tax-xogħol tagħha u possibilment tattira aktar interess fl-ICO. Estensjoni tal-Konvenzjoni għalhekk hija fl-interess tal-Unjoni.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tipprovdi għal deċiżjoni li tistabbilixxi '*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-UnJONI f'korp imwaqqaf minn ftehim, meta dak il-korp jissejjaħ biex jadotta atti li jkollhom effetti legali, bl-eċċezzjoni ta' atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*.'

Il-kunċett ta' '*atti li għandhom effetti legali*' jinkludu atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli ta' liġi internazzjonali li tiggverna l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti taħt il-liġi internazzjonali, li iżda jkunu '*kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-leġiżlatura tal-UE*'[2].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill tal-ICO huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè tal-2007.

L-att li l-Kunsill tal-ICO huwa msejjaħ biex jadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jsir vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14(3) tal-ICA.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 208(9) TFUE.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 208(9) TFUE.

[2] Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi b'mod primarju fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst fir-rigward ta' liema pożizzjoni trid tittieħed f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti huwa identifikabbli bħala dak ewlieni, billi l-ieħor huwa biss każwali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE għandu jiġi bbażat fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan u l-kontenut ewlieni tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2020/0269 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè ('ICA') ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2008 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011.

(2) Skont l-Artikolu 48(1) tal-ICA, l-ICA għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' għaxar snin wara li jidħol fis-seħħ b'mod provviżorju jew b'mod definittiv sakemm ma jiġix estiż jew mitmum skont id-dispożizzjonijiet tal-ICA.

(3) Skont l-Artikolu 9 tal-ICA, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè ('il-Kunsill tal-ICO') huwa l-korp responsabbli għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-ICA bħala l-ogħla awtorità tal-ICA. Skont l-Artikolu 48(3) ICA, il-Kunsill tal-ICO jista' jiddeċiedi li jestendi l-Ftehim lil hinn mid-data ta' skadenza tiegħu għal perjodu jew tnejn suċċessivi li ma jaqbżux it-tmien snin b'kollox. L-Artikolu 14 tal-ICA jistipula li l-ICO għandha tagħmel ħilitha biex tieħu d-deċiżjonijiet kollha b'kunsens.

(4) Matul il-127 sessjoni tagħha, li għandha ssir bejn is-7 u l-11 ta' Settembru 2020, u matul kwalunkwe sessjoni sussegwenti, il-Kunsill tal-ICO għandu jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-ICA 2007.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-ICO, minħabba li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-ICO dwar l-estensjoni tal-Ftehim se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.

(6) Huwa fl-interess tal-Unjoni li jkollha l-possibilità li tipparteċipa fl-ICA sad-dħul fis-seħħ provviżorju jew definittiv ta' Ftehim ġdid, meta titqies l-importanza tas-settur tal-kafè għal għadd ta' Stati Membri u għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-127 sessjoni u f'dawk sussegwenti tal-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè, għandha tkun li jmiss

Li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè tal-2007 lil ħinn mid-data ta' skadenza tiegħu għal sena kull darba, u li ma jinqabżux it-tmien snin totali jew sad-dħul fis-seħħ provviżorju jew definittiv ta' ftehim ġdid, skont liema jiġi l-ewwel.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President